# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1860

**Kaz Numru 2532DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**John Joseph Duke**

**u**

**Meli Bugeja Limited u Maurice Meli Bugeja**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 4 ta' Gunju 2008**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-18 ta' Settembru 2007.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Meli Bugeja Limited u Maurice Meli Bugeja li minn issa 'l quddiem ser jissejhu l-kumpanija intimata, kienu rrapprezentati minn Justine Strickland assistita mill-Avukat Pierre Lofaro.

2.2 John Joseph Duke, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat mill-Avukat Anglu Farrugia.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata nhar l-01.11.05, fuq kuntratt *whole time* ghal zmien indefinit fil-kariga ta' *marble cutter*. Nhar id-19.06.07, ir-rikorrent wegga' idu fuq il-lant tax-xoghol u ttiehed l-isptar fejn kien ezaminat, imdewwi, u pprovdut b'certifikat mediku miftuh (*open*). Meta fl-istess jum irritorna lura fil-fabbrika, talab li jithallas il-paga dovuta

lilu ghax-xahar ta' Gunju 2007, minhabba li ma kienx ser jattendi ghax-xoghol ghal xi zmien kawza tal-korriment. Justine Strickland wegbitu li l-pagi ma kinux lesti minhabba li kien ghad jonqos gimaghtejn ghall-ahhar tax-xahar. Meta ghaddew gimaghtejn rega' lura fil-fabbrika u rega' talab il-paga lil Justine Strickland . Din id-darba rega' kien mgharraf li ma setax jithallas qabel ma jarah il-*Medical Board*. Meta rega' lura wara li mar ghand il-Board, rega kellem lil Justine Strickland u din qaltlu li kienu ser jitterminawlu l-impjieg. L-ghada rega' mar il-fabbrika fejn staqsa lil Michael Meli Bugeja jekk hux minnu dak li qaltlu Justine Strickland li kien imkecci. Michael Meli Bugeja wiegbu li jekk Justine Strickland qaltlu hekk allura hekk hu. Nhar it-02.07.07, kellmu Maurice Meli Bugeja u qallu li jkun ahjar jekk jirrangaw biex jintemm l-impjieg u minnflok ikompli jahdem fuq gewwa, jibda jahdem ghal rasu fuq barra fuq tqeghid ta' l-irham. Minhabba li r-rikorrent ried il-flus pendenti f'idu accetta din l-offerta, iffirma l-formola bil-Malti tat-temm ta' l-impjieg u telaq. Wara li ghadda xi zmien rega' lura fil-fabbrika u talab li jerga' jiddahhal lura fl-impjieg. Maurice Meli Bugeja ma laqax it-talba tar-rikorrent. It-temma ta' l-impjieg sehhet nhar it-02.07.07 b'effett retroattiv ghad-29.06.07.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Maurice Meli Bugeja, Michael Meli Bugeja u Justine Strickland xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 John Joseph Duke xehed ghalih innifsu

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet id-dikjarazzjoni tal-kaz flimkien ma' dokument ta' tmiem l-impjieg

5.2 r-rikorrent esebixxa kopja vera tal-formola statutorja NI30 datata 19.06.07, flimkien ma' kopja ta' ittra datata 27.06.07, minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, kopja ta' certifikat tal-mard datat 05.07.07, u kopja ta' dokument tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datat 23.07.07, kollha immarkati Dok. AF/JJD/1.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **John Joseph Duke,** ir-rikorrent stqarr b'dikjarazzjoni solenni li hu kien impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *marble cutter* bejn l-01.11.05 u d-29.06.07. Nhar id-19.06.07 korra fuq il-lant tax-xoghol fil-waqt li kien qieghed jaqdi dmirijietu. Dak in-nhar stess ittiehed l-Isptar San Luqa fejn kien ezaminat, imdewwi u ccertifikat li ma setax jattendi ghax-xoghol ghal sitt gimghat. Wara xi jumejn mar lura fil-fabbrika u talab il-paga minhabba li kien ser idum ma jidhol ghax-xoghol. F'dan il-

jum kien mgharraf li ma setax jithallas qabel l-ahhar tax-xahar. Meta rega' lura fl-ahhar tax-xahar Justine Strickland qaltlu li kienet ser ittemmlu l-impjieg. Aktar tard kellem lil Maurice Meli Bugeja u dan qallu li biex jithallas il-paga kien mehtieg li jiffirma formola statutorja ghat-temma ta' l-impjieg li kienet bil-Malti u li ma kinitx tradotta lilu. Ix-xhud stqarr li hu ffirma d-dokument ghaliex dan kien l-uniku mezz li bih seta' jiehu l-paga. Ix-xhud stqarr ukoll li qatt ma kellu problemi fuq ix-xoghol, izda spiss kien jattendi tard minhabba problemi familjari u ohrajn tal-karozza li kellu, u li xi drabi kien jgholli lehnu u jitkellem baxx, kemm ma' Justine Strickland kif ukoll ma' Michael Meli Bugeja, izda qatt ma' Maurice Meli Bugeja. Fi tmiem ix-xhieda tieghu r-rikorrent ikkonferma li Maurice Meli Bugeja, fl-istess jum meta ffirma l-formola tat-temma ta' l-impjieg,kien offrielu xoghol ta' tqeghid fuq barra.

6.2 **Justine Strickland,** direttrici tal-kumpanija intimata, stqarret li hi kienet responsabbli mit-Taqsima tal-manifattura ta' l-irham fejn kien jahdem ir-rikorrent. Ix-xhud kompliet tghid li qabel l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata, ir-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' tqeghid fuq barra u kien accetta offerta li saritlu biex jibda fl-impjieg biex ifassal u jqatta' l-irham bil-magni tal-fabbrika taghhom. Ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien jigi l-ewwel attivita' fil-process tal-manifattura u ghaldaqstant meta kien jasal tard, jew ma jattendix ghax-xoghol, kien izomm lura l-produzzjoni kollha. Ix-xhud ziedet tghid li dan kien jigri spiss u kull meta kien ikun mitlub jaghti spjega, ir-rikorrent kien iwiegeb li kellu problemi familarji u teknici u ma kinitx affari tal-kumpanija. Ix-xhud ikkonfermat li nhar id-19.06.07, ir-rikorrent wegga' fuq il-lant tax-xoghol ghaliex, kuntrarju ghall-ordnijiet li kellu biex jitlob l-ghajnuna meta jkollu bzonn, kien jirppreferi jahdem wahdu. Meta r-rikorrent gie lura mill-Isptar gab certifikat u qal li minhabba li ma kienx jaf meta kien ser jerga‘ jibda x-xoghol talab li jithallas il-paga dovuta lilu. Meta x-xhud qaltlu li jrid jistenna sa l-ahhar tax-xahar, kliemu u ghemilu kienu disgustanti bhalma kienu bosta drabi fl-imghoddi, u telaq. Meta kien wasal l-ahhar tax-xahar irritorna fil-fabbrika, rega' talab li jithallas izda minhabba li kellu xi flus tal-kumpanija mislufa ghandu, u li hu kien jiskonta kull xahar, hi qaltlu li l-kontijiet kienu qeghdin jinhadmu. Meta sema' hekk, ir-rikorrent qalilha li kien ser imur igib certifikat iehor biex jirrepeti dak li kien ghamel fil-Milied ta' qabel, meta l-produzzjoni sofriet ghal xi erba' gimghat minhabba l-assenza tieghu. Ix-xhud stqarret li t-temma ta' l-impjieg saret minhabba l-attitudni tar-rikorrent lejn l-impjieg, u l-imgiba tieghu versus id-diretturi kollha.

6.3 **Michael Meli Bugeja,** direttur tal-kumpanija intimata, stqarr li hu kien inkarigat mit-Taqsima ta' l-importazzjoni ta' l-irham u prodotti ancillarji, kien jiftah il-fabbrika hu, u b'rizultat ta' dan kien jaf li r-rikorrent kien dejjem jattendi tard ghax-xoghol. Ix-xhud kien jaf lir-rikorrent bhala wiehed mill-impjegati fit-Taqsima tal-manifattura, izda ghalkemm il-

kuntatt bejnu u bejn ir-rikorrent kien limitat ghal meta jqassam il-pagi, dejjem kien iqum xi argument; l-aktar spiss kien ikun dwar id-data tal-hlas tal-paga. Ghal xi raguni jew ohra r-rikorrent dejjem kien irid jithallas qabel ma jispicca x-xahar. Meta ma kienx isir dak li jippretendi hu kien jibda jghajjat, jitkellem baxx, jghid kliem insolenti versus id-diretturi u jitlaq bir-rabja. Minhabba f'dan kollu u minhabba l-imgiba tar-rikorrent in generali, hu kien jaghmel hiltu biex ikollu x'jaqsam mar-rikorrent mill-anqas. Ix-xhud zied jghid li xi drabi kien jghid lil missieru biex itemm l-impjieg tar-rikorrent, izda dan kien iwiegbu li ma kienx jaqbel minhabba x-xoghol li kellhom. Ix-xhud kompla billi kkonferma li r-rikorrent kien wegga' fuq il-lant tax-xoghol meta nqabadlu seba' fit-taghmir li jintuza biex jintrefa' l-irham. Ftakar li wara l-incident tad-19.06.07, ir-rikorrent kien attenda fil-fabbrika u staqsieh jekk kienx imkecci jew le. Hu kien wiegbu li jekk Justine Strickland kienet qaltlu li tkecca, allura hekk kien. Hu kien prezenti meta missieru gharraf lir-rikorrent bid-decizjoni li jintemmlu l-impjieg. Sema' lil missieru joffri lir-rikorrent xoghol ta' tqeghid fuq barra u sema' lir-rikorrent jirringrazzjah ghall-offerta, izda ma kienx hemm meta mtliet il-formola tat-temma ta' l-impjieg.

6.4 **Maurice Meli Bugeja**, is-sid u direttur tal-kumpanija intimata, stqarr li hu kien offra impjieg lir-rikorrent wara intervista li kellu mieghu u kien l-uniku *marble cutter* tal-kumpanija. Dak in-nhar stess ta' l-intervista r-rikorrent qallu li minhabba li kien irid iwassal it-tifel l-iskola u wkoll minhabba li kellu xi diffikultajiet familjari, kien mehtieg li jattendi xi kwarta tard 'l hawn u 'l hemm. Ix-xhud wiegeb li kwarta 'l hawn u 'l hemm ma kienx jimporta. Izda meta beda ghaddej iz-zmien ir-rikorrent beda jattendi tard spiss u ghal tul ta' hin hafna aktar mill-kwarta li kellu permess ghaliha. Wara aktar zmien kompliet it-tardivita' u mhux talli qatt ma ried jaghti raguni ghall-attendenza tard, imma kien iwiegeb li ma kinitx affari tal-kumpanija. Ix-xhud stqarr li kien silef lir-rikorrent is-somma ta' Lm400 biex isewwi l-karozza u li r-rikorrent kien ihallas lura dan is-self kull xahar. Wara li jghaddi xi zmien kien jerga' jisilfu aktar flus, u allura dejjem kellu dejn mal-kumpanija. Ix-xhud ikkonferma li fl-inkontri li r-rikorrent kien ikollu ma' wliedu Justine Strickland u Michael Meli Bugeja kien juza kliem mhux xieraq u jghajjat. Wara li r-rikorrent kien wegga' u wasal lura mill-Isptar kien kellmu u meta ra x'kien gralu f'idu x-xhud esprima l-fehma li seta' jdum gimgha barra, izda r-rikorrent wiegbu li kien ser idum gimaghtejn. Wara li ghaddew gimaghtejn ir-rikorrent rega' lura ghall-paga u minhabba li ma setax jithallas kien silfu Lm100. Wara li ghaddew xi jiem ohra, ir-rikorrent rega' rritorna fil-fabbrika jitlob il-paga u minhabba li kienu ghadhom ma nhadmux is-somom ta' x'kellu jiehu, ir-rikorrent wiegeb li kien ser jaghmel gimaghtejn ohra barra. Meta regghu ltaqghu fil-fabbrika x-xhud gharrfu li kien ser itemmlu l-impjieg u offrielu xoghol ta' tqeghid jahdem ghal rasu fuq barra. Ix-xhud kompla jghid li fil-waqt li kien qieghed jimla l-

formola statutorja tat-temma ta' l-impjieg, hu spjega lir-rikorrent x'kien qieghed jaghmel u dan wiegeb "iva, iva, iva, basta thallasni dak li ghandek taghtini". Wara li r-rikorrent iffirma d-dokument, ir-rikorrent qallu biex jaghtih gimaghtejn cans sakemm ilesti xi xoghol li kellu u wara jigi biex jibda x-xoghol fuq barra. Ix-xhud wiegeb li r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg kienet il-mod kif kien igib ruhu fuq ix-xoghol. Wara li ghaddew xi tliet gimghat ir-rikorrent irritorna fil-fabbrika u talbu jerga' jaghtih ix-xoghol fuq gewwa u hu wiegbu li ma riedx.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Pierre Lofaro f'isem il-kumpanija intimata stqarr li:

- r-rikorrent kien mgharraf li l-impjieg tieghu kien ser jigi mitmum.
- l-kontenut tal-formola stattorja ghat-temma ta' l-impjieg kien spjegat lir-rikorrent minn Maurice Meli Bugeja u ghaldaqstant meta ffirma d-dokument ir-rikorrent kien konxju ta' x'kien qieghed jiffirma.
- matul iz-zmien kollu ta' l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata l-imgiba tar-rikorrent kienet intollerabbli.
- ir-raguni ghal assenza fit-tul wara l-korriment kienet rizultat ta' l-ezekuzzjoni tat-theddida li r-rikorrent ghamel lil Justine Strickland meta qaltlu li ma setghetx thallsu l-paga.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Anglu Farrugia f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- Il-forma tat-temma ta' l-impjieg li ffirma r-rikorrent kienet bil-Malti u r-rikorrent ma jifhimx bil-Malti.
- minhabba li l-kontenut tal-formola statutorja ghat-temma ta' l-impjieg ma kienx spjegat lilu qabel ma ffirma, la kien jaf li l-impjieg tieghu kien qieghed jigi mitmum u lanqas kien jaf li dan kien qieghed isir ghal raguni ta' dixxiplina.
- mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda kollha li nghatat, ir-rikorrent wegga' fuq il-lant tax-xoghol u t-temma ta' l-impjieg saret fiz-zmien meta r-rikorrent ma setax jattendi ghax-xoghol minhabba l-istess korriment.
- nhar il-05.07.07, ir-rikorrent kien iccertifikat mill-Isptar San Luqa li kien mehtieg li jdum gimaghtejn ohra barra u wara jidhol ghax-xoghol bil-ferita mghottija.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta:

- l-imgiba tar-rikorrent waqt l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata versus iz-zewg diretturi, Justine Strickland li kienet tamministrah, u Michael Meli Bugeja li kien ihallsu, kienet nieqsa minn kull rispett u ma kinitx tali li tnissel u tikkultiva relazzjonijiet tajbin bejniethom, u kellha kontribut qawwi ghat-temma ta' l-impjieg.
- minhabba li r-rikorrent kien l-uniku *marble cutter* fil-kumpanija u wkoll minhabba li l-process tal-manifattura tal-kumpanija kien jiddependi hafna mill-prezenza u l-abbilta' tar-rikorrent, id-dirigenti ripetutament ghalqu aktar minn ghajn wahda ghat-tardivita' kontinwa fl-attendenza, l-assenza minghajr avviz u wkoll l-imgiba hazina tar-rikorrent versus Justine Strickland u Michael Meli Bugeja. Dan ghaliex kienu tal-fehma li hekk kien jaqbel biex ma ssofrix il-produzzjoni. Minhabba f'dan ir-rikorrent qatt ma kien imwiddeb serjament, jew penalizzat ghan-nuqqasijiet tieghu.
- nhar id-19.06.07, ir-rikorrent kien korra fuq il-lant tax-xoghol u l-ewwel certfikazzjoni tat-Tabib ta' l-Isptar San Luqa kienet ghal zmien minghajr data ta' gheluq.
- bejn id-19.06.07 u t-01.07.07, minkejja li r-rikorrent attenda fil-fabbrika jitlob li jithallas il-paga f'zewg okkazjonijiet differenti, baqa' ma thallasx. Meta nhar it-02.07.07, rega' rritorna fil-fabbrika biex jiehu l-paga ta' Gunju 2007, kien mgharraf minn Maurice Meli Bugeja li biex jithallas il-paga kien mehtieg li jaccetta u jiffirma li jtemm l-impjieg. Ir-rikorrent ceda ghal din il-pressjoni, u ghamel dak li kien mitlub, thallas il-paga u telaq.
- nhar it-02.07.07 il-kumpanija intimata mliet il-formola statutorja ghat-temma ta' l-impjieg b'effett retroattiv ghad-29.06.07. Nhar il-05.07.07 ir-rikorrent rega' kien iccertfikat mit-Tabib ta' L-isptar San Luqa li ma setax jattendi ghax-xoghol qabel gimaghtejn ohra. Ghaldaqstant it-temma ta' l-impjieg saret fiz-zmien meta r-rikorrent kien iccertfikat li ma setax jattendi ghax-xoghol, minhabba l-korriment li kien garrab fuq il-lant tax-xoghol fil-qadi' ta' dmirijietu.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent saret bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artiklu 36(15) tal-Kapitlu 452

tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ma saritx ghal raguni gusta u sufficjenti, u jordna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' Elf mitejn seba' u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€1,257.35) li jammontaw ghal hames mija disgha u tletin Liri Maltin u tmienja u sbghin centezmu (Lm539.78) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'zewg pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar l-1 ta' Lulju 2008.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**